# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' April, 2018**

**Numru 10**

**Rikors Numru 17/18TA**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. Nicolai Gauci (K.I. numru 564689 (M)), u**
**2. Tiziana Zahra (K.I. numru 508591 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Bank Attur prezentat fit-8 ta' Jannar, 2018 u mahluf minn Johanna Bartolo fl-istess data, li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi permezz ta' kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa, datat 16 ta' Novembru 2011 u ta' skrittura privata datata 1 ta' Dicembru 2010 (Dok. "A"), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Nicolai Gauci u Tiziana Zahra;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Nicolai Gauci u Tiziana Zahra fis-somma ta' mija u wiehed u tletin elf, mitejn u disghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€131,290.41) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Nicolai Gauci u Tiziana Zahra mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok. "C1 sa C2") flimikien mal-imghax ulterjuri mit-30 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura privata (Dokument "A") fuq imsemmija, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Nicolai Gauci u Tiziana Zahra:

   (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Nicolai Gauci u Tiziana Zahra li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Nicolai Gauci u Tiziana Zahra gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' April 2014, li kkopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'D' sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huma baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata (Dokument "A") fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Nicolai Gauci u Tiziana Zahra (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Nicolai Gauci u Tiziana Zahra li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Nicolai Gauci u Tiziana Zahra jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u tletin elf, mitejn u disghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€131,290.41) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Nicolai Gauci u Tiziana Zahra mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok. "C1 sa C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-30 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

> Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' April 2014 (Dok. "D") kontra l-konvenuti li huma ingunati minn issa sabeix jidhru ghas-subizzjoni."

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-Konvenuti fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2018 ammettew it-talbiet attrici kif mitluba;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u ghalhekk tiddikjara illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-Konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-Bank Attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lill-Bank Attur; u

**Tilqa' t-tieni talba attrici** u tikkundanna lill-Konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lill-Bank Attur is-somma ta' mija u wiehed u tletin elf, mitejn u disghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€131,290.41) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Nicolai Gauci u Tiziana Zahra mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mit-30 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjez** tal-kawza u dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' April 2014 a` karigu tal-Konvenuti.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**